MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Rikors Numru. 101/2008

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti talbet minn din il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru 1993 fl-ismijiet "A mart C D pro et noe vs C D" [Cit.1246/1993FD] li permezz taghha l-attrici giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat fl-ammont ta' Lm1,800 illum €4,192.87, liema somma ghadha dovuta lill-attrici;

Rat ir-risposta li biha l-intimat, filwaqt li eccepixxa l-intempestivita' ta' l-azzjoni in vista ta' l-emendi li gew fis-

sehh fl-20 ta’ Lulju 2007, fl-artikolu 258 tal-Kap.12, eccepixxa wkoll li hu ma ghandu jaghti xejn lill-attrici peress li, wara li t-tifla minuri ghalqet it-tmientax-il sena, huwa baqa’ jhallas lill-attrici l-manteniment fissat ghal minuri, u ghalhekk dan l-ammont imhallas minnu ndebitament kellu jigi pacut mal-kreditu dovut lill-attrici;

Rat l-atti kollha, inkluzi s-sentenza fuq citata,kif ukoll in-noti tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tas-sentenza fuq citata, il-konvenut kien gie ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm1,800 in linea ta’ ekwiparazzjoni, u li kellhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

Illi huwa pacifiku li dan l-pagament ma sarx mill-konvenut, izda dan jghid li l-ammont dovut minnu ghandu jigi pacut ma’ l-ammont ta’ manteniment li hu kompla jhallas lill-attrici ghat-tifla, wara li din ghalqet it-tmientax-il sena.

In propozitu l-konvenut jghid li huwa kien baqa’ jhallas il-manteniment tat-tifla anke wara li din kienet saret maggjorenni “ghax hekk xtaqt. Bqajt inhallashom ghax kont komdu li nibqa’ nhallashom.” Huwa jghid li ma kienx jiftakar kemm ghamel pagamenti “zejda”.

Illi l-Qorti tosserva li dak li hallas l-intimat bhala manteniment ghal bintu, anke meta din ghalqet it-18 il sena, ghax hekk xtaq, ma jippregudikax id-dritt ta’ l-attrici li tezigi l-pagament ta’ dak li kien dovut lilha ghaliha. L-intimat kellu kull dritt ikompli jikkontirbwixxi ghal manteniment ta’ bintu anke meta din saret maggjorenni, izda ma jistax validament jippretendi li dak li kien hallas ghal beneficju ta’ bintu, anke ex gratia, jippregudika l-kreditu ta’ l-attrici ghas-somma dovuta lilha proprio.

Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li mill-provi migjuba ma rrizultax sodisfacentement provat li l-pagamenti

maghmula mill-konvenut lir-rikorrenti kienu saru akkont tal-kreditu taghha, u li hu kanonizzat bis-sentenza precitata; u ghalhekk l-ammont ta’ Lm1,800 ghadu dovut lir-rikorrenti in forza tat-titolu ezekuttiv fuq indikat.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat, il-Qorti tikkondividi dak sottomess mill-attrici fin-nota taghha, u ghalhekk l-eccezzjoni ta’ l-intempestivita’ mhux qed tigi akkolta. Izda, mill-banda l-ohra ma rrizultax b’ mod car ghaliex l-attrici kienet halliet dan iz-zmien kollu biex tipprocedi ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenza moghtija fis-sena 1993, u ghalhekk dan ser jigi mehux in konsiderazzjoni fil-kaz ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant tipprovdi dwar ir-rikors odjern billi tilqa’ t-talba.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------